DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1025

tat-13 ta' Lulju 2020

dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fis-Slovenja

(notifikata bid-dokument C(2020) 4540)

(It-test bis-Sloven biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

Billi:

1. FATTI

(1) Fid-19 ta' Settembru 2019, Slovenske železnice — Freight Transport d.o.o. ('l-Applikant'), ressaq talba permezz ta' ittra lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ('it-Talba'). It-talba tikkonforma mal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 ([2]).

(2) It-Talba tikkonċerna ċerti servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/25/UE, ipprovduti mill-Applikant fit-territorju tas-Slovenja. Is-servizzi kkonċernati huma deskritti fit-Talba kif ġej: L-Applikant prinċipalment jopera servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fi ħdan l-Istati Membri (fit-territorju Sloven) u operazzjonijiet internazzjonali tal-merkanzija bil-ferrovija.

(3) It-Talba kienet akkumpanjata minn pożizzjoni motivata u sostanzjata adottata fit-12 ta' Ġunju 2019 mill-Aġenzija Slovena għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni ("AVK") li hija kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati. L-AVK hija awtorità nazzjonali indipendenti. L-AVK analizzat bir-reqqa l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE għall-attivitajiet ikkonċernati, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.

(4) Il-pożizzjoni tal-AVK kienet ibbażata fuq ġbir ta' informazzjoni permezz ta' talbiet għal informazzjoni u kwestjonarji mibgħuta lil operaturi liċenzjati tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u lill-klijenti (impriżi li jixtru servizzi bħal dawn, manifatturi kbar u kumpaniji tal-loġistika). L-AVK talbet ukoll informazzjoni mingħand il-korp regolatorju Sloven — l-Aġenzija għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet u s-Servizzi tas-Slovenja ("AKOS") u l-Aġenzija Pubblika għat-Trasport bil-Ferrovija.

(5) Skont il-punt 1(a) tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 ta' dik id-Direttiva jridu jiġu adottati fi żmien 90 jum ta' xogħol fejn l-aċċess liberu għal suq partikolari huwa preżunt abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE. Skont it-tielet paragrafu tal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-iskadenza għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni trid tinbeda fl-ewwel jum tax-xogħol wara d-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-talba msemmija fl-Artikolu 35(1) ta' dik id-Direttiva

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 39).

inkella, jekk l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta ma tkunx kompluta, fil-jum ta' xogħol wara li tasal l-informazzjoni kollha. Fis-6 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand l-applikant. L-Applikant wieġeb fis-17 ta' Diċembru 2019. Fis-16 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Sloveni. L-awtoritajiet Sloveni wieġbu fil-25 ta' Mejju 2020. L-Applikant għamel sottomissjonijiet addizzjonali fil-31 ta' Jannar 2020 u fit-18 ta' Marzu 2020.

2. QAFAS ĠURIDIKU

(6) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mas-servizzi tat-trasport fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2014/25/UE, sakemm l-attività ma tkunx eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.

(7) Skont id-Direttiva 2014/25/UE, il-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva 2014/25/UE mhumiex soġġetti għad-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq, din l-attività tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jistgħu jinkludu l-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati, l-eżistenza ta' prodotti jew ta' servizzi alternattivi meqjusa bħala sostitwibbli fuq in-naħa tal-provvista jew fuq in-naħa tad-domanda, il-prezzijiet u l-preżenza reali jew potenzjali ta' aktar minn fornitur jew provditur wieħed tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni.

3. VALUTAZZJONI

3.1. Aċċess mhux ristrett għas-suq

(8) L-aċċess għal suq jitqies mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu għall-kompetizzjoni. Din il-leġiżlazzjoni hija elenkata fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, li fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, tinkludi d-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(9) Kif ikkonfermat mill-AVK fil-pożizzjoni tagħha, u abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, is-Slovenja ttrasponiet id-Direttiva 2012/34/UE fil-liġi nazzjonali permezz ta' Att li jemenda l-Att dwar it-Trasport bil-Ferrovija ([4]) u Digriet dwar l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija, l-imposti tal-infrastruttura u s-sistema ta' prestazzjoni fl-infrastruttura pubblika tal-ferrovija ([5]). Għaldaqstant, l-aċċess għas-suq rilevanti jitqies li mhuwiex ristrett f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

3.2. Esponiment dirett għall-kompetizzjoni

(10) Jenħtieġ li l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jiġi evalwat abbażi tad-diversi indikaturi, li l-ebda wieħed minnhom mhuwa deċiżiv *per se*. Fir-rigward tas-swieq milquta minn din id-Deċiżjoni, is-sehem mis-suq tal-atturi ewlenin f'suq partikolari huwa kriterju wieħed li jenħtieġ li jiġi kkunsidrat. Billi l-kundizzjonijiet ivarjaw għall-attivitajiet differenti kkonċernati mit-Talba, meta tiġi eżaminata s-sitwazzjoni mil-lat kompetittiv jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti fis-swieq rilevanti.

(11) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija li ntużaw biex jiġi vvalutat l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk li ntużaw biex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([6]) kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali ([7]).

([3]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

([4]) L-att ta' traspożizzjoni nazzjonali: Ul RS Nru 84/2015, is-6 ta' Novembru 2015. L-Att dwar it-Trasport bil-Ferrovija reġa' ġie emendat fl-2018 (UL RS Nru 99/15 – it-test konsolidat uffiċjali, Nru 30/18).

([5]) Ul RS Nru 44/2016, l-24 ta' Ġunju 2016. Id-Digriet li jemenda d-Digriet dwar l-allokazzjoni ta' rotot ferrovjarji, l-imposti tal-infrastruttura u s-sistema tal-prestazzjoni fl-infrastruttura pubblika tal-ferrovija ġie adottat fl-2019 (UL RS Nru 16/2019, il-15 ta' Marzu 2019).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjoni bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([7]) Is-sentenza tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG v. il-Kummissjoni*„ T-463/14, EU:T:2016:243, il-paragrafu 28.

(12) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk l-attivitajiet ikkonċernati mit-Talba humiex esposti għal livell ta' kompetizzjoni, fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, li jiżgura li, anke fl-assenza tad-dixxiplina li ġabu magħhom ir-regoli tal-akkwist dettaljati stipulati fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għall-insegwiment tal-attivitajiet ikkonċernati se jitwettaq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lix-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

(13) F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed isemmi li, fis-swieq ikkonċernati, mhux l-atturi kollha tas-suq huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Għalhekk, il-kumpaniji li mhumiex soġġetti għal dawk ir-regoli, meta jaġixxu f'dawk is-swieq, normalment ikollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq l-atturi tas-suq li jkunu soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Fis-swieq soġġetti għat-Talba, l-Applikant biss huwa entità kontraenti fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE u, għalhekk, huwa soġġett għar-regoli tal-akkwist pubbliku.

3.3. **Definizzjoni tas-suq/swieq rilevanti**

(14) F'deċiżjonijiet preċedenti l-Kummissjoni ddeċidiet ([8]) li s-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija kien is-suq rilevanti, iżda ma eskludietx li dan jista' jiġi ssegmentat fi trasport domestiku tal-merkanzija bil-ferrovija, trasport internazzjonali tal-merkanzija bil-ferrovija, trasport bil-ferrovija b'vaguni singoli u trasport bil-ferrovija fi tren komplut (magħruf ukoll bħala tren blokka). Fit-Talba, l-Applikant huwa tal-fehma li s-swieq tal-prodotti rilevanti huma dawk l-erba' segmenti. Madankollu, fis-sottomissjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2020, l-Applikant jargumenta li l-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk il-kompetizzjoni minn modi oħrajn ta' trasport, b'mod partikolari t-trasport bit-triq, għandhiex impatt fuq id-definizzjoni tas-suq rilevanti.

(15) Fil-pożizzjoni tagħha, l-AVK issostni li s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mhumiex interkambjabbli ma' forom oħra ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija u jikkostitwixxu suq rilevanti separat. Ir-raġuni ewlenija hija li t-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija huma servizzi komplementari. It-trasport tal-merkanzija bit-triq huwa flessibbli, aktar rapidu u l-aktar adatt għal distanzi żgħar, filwaqt li t-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija huwa l-aktar adatt għal vjeġġi kbar bl-ingrossa, b'mod partikolari fejn kwantitajiet kbar ta' oġġetti jkunu qed jiġu ttrasportati fl-istess ħin.

(16) L-AVK tinnota li l-proporzjon tat-trasport domestiku huwa negliġibbli meta mqabbel mat-trasport internazzjonali (li jirrappreżenta bejn 2,67 % u 3,99 % ta' oġġetti trasportati u bejn 1,66 % u 2,62 % tax-xogħol li sar bejn l-2014 u l-2018). Peress li l-klijenti ma jagħmlux distinzjoni bejn it-trasport domestiku u internazzjonali tal-merkanzija bil-ferrovija, l-AVK ma tarax il-ħtieġa li tissepara ż-żewġt iswieq.

(17) Fir-rigward tat-trasport ferrovjarju f'vaguni singoli, l-AVK fil-punt 36 tal-pożizzjoni tagħha tinnota li l-Applikant huwa l-unika kumpanija li toffri s-servizz, li huwa ferm aktar kumpless u jiswa ħafna aktar flus mit-treni kompluti. Il-kompetituri tagħha jiffokaw fuq it-treni blokka, li jidher li huwa n-negozju li jħalli l-aktar qligħ. L-utenti tas-servizz, bħall-manifatturi jew il-kumpaniji tal-loġistika, indikaw li l-għażla tagħhom bejn vaguni singoli u treni kompluti kienet tiddependi minn fatturi bħat-tip ta' oġetti, il-kwantità, il-ħin tal-konsenja u l-prezz meħtieġa. L-AVK tikkonkludi li s-servizzi tal-vaguni singoli u tat-treni blokka huma interkambjabbli għall-utenti u jappartjenu għall-istess suq.

(18) Konsegwentement, l-AVK hija tal-fehma li s-suq rilevanti huwa s-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, kemm jekk huwa domestiku kif ukoll jekk internazzjonali, u b'mod indifferenti jinkludi vaguni singoli jew treni blokka.

(19) Fis-sottomissjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2020, l-Applikant jargumenta li huwa espost għal kompetizzjoni internazzjonali fis-servizzi tal-merkanzija bil-ferrovija. Fiha jissemmew serje ta' offerti fejn trasportaturi tal-merkanzija bit-triq kienu qed jikkompetu mal-Applikant, iżda mhumiex indikati l-ammonti in kwistjoni jew jekk it-trasportaturi bit-triq ikunux tabilhaqq rebħu dawn l-offerti.

(20) Il-Kummissjoni diġà sabet li hemm indikazzjonijiet qawwija għal suq għat-trasport ta' oġġetti bil-ferrovija distinti minn mezzi oħra ta' trasport ([9]). Fid-dawl ta' dan, minkejja l-evidenza mressqa mill-Applikant rigward l-impatt ta' mezzi alternattivi ta' trasport, bħat-trasport bit-triq, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni biex titbiegħed mill-prattika preċedenti tagħha. Il-Kummissjoni qabel kienet tal-fehma li mhux il-modi kollha ta' trasport huma

([8]) Il-każ COMP/M.4746 — Deutsche Bahn/English Welsh & Scottish Railway Holdings (EWS); Il-każ COMP/M.5096 – RCA/MAV Cargo; Il-Każ COMP/M.5855 DB/Arriva.

([9]) Il-każijiet COMP/M.5855 DB/Arriva, il-paragrafu 145; COMP/M.5480 — DB/PCC, il-paragrafu 22; COMP/M.4746 Deutsche Bahn/EWS, il-paragrafu 17; AT.39678 DB I, il-paragrafu 32; AT.39813 Baltic Rail, il-paragrafu 150.

sostitwibbli b'mod reċiproku u ġeneralment dan jiddependi fuq il-post ġeografiku tal-klijent u l-karatteristiċi speċifiċi tal-merkanzija li trid tiġi trasportata ([10]). Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-ambitu tas-suq rilevanti ma jmurx lil hinn minn dak tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.

3.4. **Definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti**

(21) Fil-prassi preċedenti tagħha, il-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tar-rekwiżiti tekniċi u regolatorji differenti, l-ambitu tas-swieq tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija kien pjuttost nazzjonali, iżda dan jista' jsir internazzjonali fuq ċerti rotot, li jiffurmaw parti minn kuritur ([11]). F'ċerti sitwazzjonijiet partikolari, il-Kummissjoni sabet ukoll li approċċ ibbażat fuq il-kurituri jista' jirrifletti bl-aħjar mod is-sitwazzjoni kompetittiva ([12]).

(22) Fir-rigward tas-suq ġeografiku, l-Applikant huwa tal-fehma li, minħabba l-livell għoli ta' liberalizzazzjoni tal-merkanzija bil-ferrovija, is-suq ġeografiku rilevanti jinkludi t-territorju kollu tal-Unjoni. Jargumenta li huwa wkoll kien involut b'mod attiv fis-swieq ta' pajjiżi ġirien u pajjiżi oħrajn. Jinnota wkoll li s-Slovenja tinsab fl-intersezzjoni ta' żewġ kurituri tal-merkanzija (il-kuritur tal-Baltiku-Adrijatiku u l-kuritur tal-Mediterran, filwaqt li t-tielet kuritur għadu qed jinbena). Dan jippermetti li l-kumpanija *jkollha* rwol attiv fil-parti l-kbira taż-żona koperta minn dawn il-kurituri.

(23) Fis-sottomissjoni tagħha tal-31 ta' Jannar 2020, l-Applikant jirreferi għall-kundizzjoni ħażina tan-netwerk ferrovjarju Sloven. Jissottolinja wkoll il-fatt li r-rotta tat-trasport minn ġos-Slovenja tgħaddi minn pajjiżi tal-eks Jugoslavja, li mhux kollha huma Stati Membri, filwaqt li d-devjazzjoni minn din ir-rotta fit-Tramuntana tas-Slovenja tinvolvi pajjiżi li huma kollha Stati Membri, li jfisser proċeduri simplifikati u b'hekk iktar vantaġġużi mil-lat kompetittiv.

(24) Fil-punt 45 tal-pożizzjoni tagħha, l-AVK tinnota li, filwaqt li l-Applikant żied il-preżenza tiegħu fl-Awstrija u fil-Kroazja, l-attività tal-kumpanija għadha sseħħ kważi totalment fis-Slovenja (97,5 % tax-xogħol imwettaq f'tunnellati kull kilometru netti jew 98 % tad-dħul gross tagħha mis-servizzi tat-trasport). Barra minn hekk, l-AVK targumenta li l-impriżi ferrovjarji jipprovdu s-servizzi tagħhom prinċipalment fis-Slovenja permezz ta' kumpaniji rreġistrati fis-Slovenja, b'sewwieqa u magni tal-ferrovija Sloveni (li tipikament jinbidlu fil-fruntiera ma' pajjiż ieħor). Abbażi ta' dawn l-elementi, l-AVK hija tal-fehma li s-suq ġeografiku għandu ambitu nazzjonali.

(25) Il-Kummissjoni ssib li ma hemm l-ebda element sinifikanti biex tissostanzja d-dikjarazzjoni tal-Applikant li s-suq rilevanti jkopri l-Unjoni kollha jew, b'mod alternattiv, li ż-żoni konnessi mal-kurituri tal-merkanzija ferrovjarji Baltiku-Adrijatiku u dawk Mediterranji jenħtieġ li jitqiesu bħala suq ġeografiku rilevanti. Il-Kummissjoni tosserva li r-rekwiżiti tekniċi u regolatorji huma fil-biċċa l-kbira differenti bejn l-Istati Membri. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 8/2016 li jġib l-isem ta' "It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba", żvelat li l-liberalizzazzjoni tas-suq għamlet progress irregolari fl-Istati Membri u li l-kisba ta' żona ferrovjarja unika Ewropea għadha 'l bogħod. Fir-rapport Speċjali tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tikkonkludi li n-netwerk ferrovjarju tal-UE jibqa' sistema ta' netwerks ferrovjarji separati, li mhumiex kompletament interoperabbli.

(26) Għal skopijiet ta' valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra s-suq ġeografiku rilevanti bħala wieħed nazzjonali u li jkopri t-territorju Sloven.

([10]) Il-każ COMP/M.5855 DB Arriva, il-paragrafu 144.

([11]) Il-kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija ġew stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22). Ir-Regolament jiddefinihom bħala "il-linji ferrovjarji denominati kollha, inklużi l-linji ta' lanex ferrovjarji, fuq it-territorju tal-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, u, fejn xieraq, pajjiżi terzi Ewropej, li jgħaqqdu żewġ terminali jew aktar, tul rotta prinċipali u, fejn ikun il-każ, rotot u taqsimiet ta' diversjoni li jikkollegawhom, inkluża l-infrastruttura ferrovjarja u t-tagħmir tagħha, u s-servizzi ferrovjarji rilevanti skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/14/KE."

([12]) Il-każijiet COMP/M.5877 — Geodis/Giraud, il-paragrafi 14, 15 u 16; COMP/M.5480 — Deutsche Bahn/PCC Logistics, il-paragrafu 29; COMP/M.5096 — RCA/MAV Cargo, il-paragrafu 21; M.3150 SNCF/Trenitalia, il-paragrafu 29; M.4746 DB/EWS, il-paragrafu 32; M.4786 DB/Transfesa, il-paragrafu 58; M.5855 DB/Arriva, paragraph 162; AT.39678 DB I, il-paragrafu 35; AT.39813 Baltic Rail, il-paragrafu 158.

3.5. **Analiżi tas-suq**

(27) Fir-rigward tal-valutazzjoni dwar jekk l-attività hijiex direttament esposta għall-kompetizzjoni, skont l-AVK, bħalissa hemm 6 liċenzji maħruġa għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fis-Slovenja. Lil hinn mill-Applikant, kompetituri oħra jinkludu b'mod partikolari r-Rail Cargo Carrier (sussidjarja tal-Austrian Railway Group ÖBB) u l-Adria Transport (sussidjarja tal-Luka Koper u l-Austrian railway company GKB). Skont l-informazzjoni disponibbli mill-korp regolatorju Sloven AKOS, is-sehem mis-suq tal-Applikant u l-kompetituri ewlenin tiegħu fis-suq kien kif ġej:

Impriża ferrovjarja	Fl-2014 %	Fl-2015 %	Fl-2016 %	Fl-2017 %	Fl-2018 %
SŽ Freight Transport	90,06	87,90	86,96	86,72	85,21
Rail Cargo Carrier	6,16	7,32	8,72	8,31	8,27
Adria Transport	3,78	4,78	4,32	4,97	6,52

(28) Fil-pożizzjoni tagħha, l-AVK tqis li l-impriżi kollha tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija jingħataw aċċess għall-infrastrutturi tal-ferrovija pubbliċi fis-Slovenja b'kundizzjonijiet ekwi, mhux diskriminatorji u trasparenti sabiex jipprovdu kull tip ta' servizz ta' trasport tal-merkanzija. Bħalissa tliet impriżi qed jipprovdu servizzi fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, u erba' impriżi ġodda qegħdin fil-proċess li jippenetraw is-suq. L-impriżi jgawdu minn aċċess ġust għall-mogħdijiet tal-ferrovija. Jidher li ma kienx hemm problemi mhux ġustifikati fil-kisba ta' liċenzji jew ċertifikati ta' sikurezza, fl-użu tal-infrastruttura pubblika ferrovjarja jew fl-istabbiliment tat-tariffa tal-utent.

(29) L-AVK targumenta li, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-Applikant jibqa' għoli, sehem iż-żewġ kompetituri żdied gradwalment (ir-Rail Cargo Carrier minn 0 % fl-2008 għal 4,68 % fl-2009 u 8,27 % fl-2018, u l-Adria Transport minn 0 % fl-2008 għal 2,27 % fl-2009 u 6,52 % fl-2018). L-AVK żiedet tgħid li Rail Cargo Carrier u Adria Transport jiffukaw fuq it-trasportazzjoni tal-oġġetti lejn il-port ta' Koper u lura minnu, filwaqt li l-Applikant ikopri s-suq kollu. It-tkabbir limitat tal-kompetituri tal-Applikant jista' jkun dovut ukoll għal riżorsi limitati u għal problemi fir-reklutaġġ tal-persunal. L-infrastruttura ferrovjarja tas-Slovenja xxekkel ukoll l-iżvilupp tal-kompetizzjoni.

(30) L-AVK fil-pożizzjoni tagħha tikkonkludi li l-kundizzjoni ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-suq *de jure* u *de facto* ġiet issodisfata u li l-attività tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fis-Slovenja hija esposta direttament għall-kompetizzjoni.

(31) L-Applikant jenfasizza li l-ishma tas-suq huma biss indikatur wieħed meta tiġi analizzata l-pressjoni kompetittiva fuq is-suq rilevanti. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll kriterji oħra bħall-istruttura tas-suq ikkonċernat, il-kompetizzjoni attwali jew potenzjali minn impriżi li jinsabu fl-Unjoni jew barra minnha, il-pożizzjoni fis-suq tal-impriżi kkonċernati kif ukoll is-setgħa ekonomika u finanzjarja tagħhom.

(32) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-fatt li l-aċċess għas-suq Sloven tal-merkanzija bil-ferrovija mhuwiex ikkunsidrat bħala wieħed ristrett minħabba li s-Slovenja implimentat u applikat id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2012/34/UE, kif previst fl-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

(33) Fir-rigward tal-analiżi tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni, is-sehem mis-suq huwa element importanti. Il-fatt li, wara 12-il sena mil-liberalizzazzjoni tas-suq, l-Applikant għadu jgawdi minn sehem tas-suq ta' 85,21 % fl-2018, u li t-tnaqqis tiegħu kien kajman mill-2014 'l hawn, juri li l-pożizzjoni tal-Applikant fis-suq hija estremament b'saħħitha. Skont il-pożizzjoni tal-AVK, huwa mistenni li s-sehem mis-suq tal-Applikant se jkompli jonqos, minħabba li l-klijenti għandhom it-tendenza li jagħżlu impriżi li joperaw f'diversi pajjiżi operattivi.

(34) Skont is-Sitt rapport dwar il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-suq tal-ferrovija ([13]) mill-Kummissjoni, is-sehem mis-suq tal-Applikant kien it-tieni l-ogħla fost l-operaturi stabbiliti fl-Istati Membri kollha fejn il-kompetizzjoni kienet attiva fl-2016. Bejn l-2016 u l-2018, is-sehem mis-suq tal-kompetituri żdied biss minn 13,04 % għal 14,79 %, għalhekk is-sitwazzjoni kompetittiva tas-suq Sloven tal-merkanzija bil-ferrovija fil-biċċa l-kbira ma nbidlitx.

(35) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li għalkemm is-sehem mis-suq tal-Applikant naqas f'dawn l-aħħar snin, l-Applikant ittrasporta aktar merkanzija, minħabba ż-żieda fil-volum totali tas-suq.

(36) Anki jekk intgħażlet id-definizzjoni alternattiva tas-suq ġeografiku skont ir-rotta fi ħdan it-territorju Sloven ([14]), l-Applikant xorta għad għandu ishma tas-suq estremament għoljin. Skont l-informazzjoni pprovduta fl-ittra tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2019 meta ġie mitlub jipprovdi l-ishma tas-suq tiegħu skont ir-rotta, l-Applikant indika s-sehem tiegħu mis-suq fil-qsim bejn il-fruntieri ferrovjarji Sloveni differenti. Dawn l-ishma, għall-ewwel 10 xhur tal-2019, ivarjaw bejn […] % (il-qsim tal-fruntiera bejn Sežana meja) u […]% (Nova Gorica meja).

(37) L-Applikant u l-NCA AVK Sloven iqisu li, peress li s-sehem mis-suq tal-Applikant ser jonqos fil-futur, dan għandu jitqies bħala element ieħor biex tiġi vvalutata l-kompetittività tas-suq. Madankollu, il-Kummissjoni hemm bżonn li tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq is-sitwazzjoni eżistenti tas-suq u mhux fuq previżjonijiet tal-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq għas-snin li ġejjin. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni tas-suq Sloven tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mhijiex issodisfata.

(38) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE hemm bżonn li tkompli tapplika għal kuntratti maħsuba biex jippermettu l-insegwiment tal-attività fis-Slovenja.

4. **KONKLUŻJONI**

(39) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali minn Jannar 2019 sa Frar 2020 kif jidher mill-informazzjoni mogħtija mill-Applikant, l-AVK u l-informazzjoni pubblikament disponibbli.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/25/UE għandha tkompli tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u li huma intenzjonati biex isir ix-xogħol fuq is-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fit-territorju Sloven.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja..

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni

([13]) COM(2019) 51 final, is-6 ta' Frar 2019.
([14]) Għall-fini ta' din id-deċiżjoni, ir-rotot huma kkunsidrati ekwivalenti għal qsim bejn il-fruntieri.